**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tnejn, erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2025

Kawża Nru 190/2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Keith Xerri)**

vs

**Publius Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Publius Vella**, imwieled nhar il-ħamsa (5) ta' Marzu 1954 u residenti f'numru disgħa u tmenin (89), Triq Santa Marija,

Xewkija, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22354(G), talli nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10.45hrs) fid-daħla tal-Għama limiti ta' Għajnsielem Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

(1) ikkaċċja jew prova jikkaċċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;[1]

(2) talli kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III, li ma ġewx meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew ma ġewx imrobbija fil-magħluq;[2]

(3) talli uża għasafar bħala taħrik u għajjat li ma kinux imlibbsa ċurkett magħluq b'dijametru intern li huwa tad-daqs apposta għall-ispeċi, li ma kinux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-kodiċi R16U, u jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u, jew ibridi;[3]

[1] Regolament 4(1)(a) L.S549.42
[2] Regolament 4(1)(e) L.S549.42
[3] Kundizzjoni 20 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2023 u Regolament 12(k) ta' L.S 549.42

(4) talli nasab fuq sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi bi ksur ta' Kundizzjoni 11 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2023.[4]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-akkużat milli jkollu jew jikseb għal dak iż-żmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, liċenzja tal-insib jew permess li jinħareġ mid-Direttur, liema perijodu m'għandu fl-ebda każ jkun għal inqas minn sena.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet ix-xhieda tal-akkużat li minn jeddu u b'mod volontarju ħa l-pedana tax-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45hrs), il-Pulizija

[4] Regolament 12(d) ta' L.S 549.42 u t-tieni proviso tar-Regolament 8(2) ta' L.S 549.42

kienu qegħdin jagħmlu ronda b'rabta ma' insib jew kaċċa illegali fi Triq id-Daħla tal-Għama, limiti ta' Għajnsielem. F'punt minnhom semgħu l-ħsejjes ta' diversi għasafar tal-għana. Minn verifiki li għamlu huma sabu mansab armat bix-xbiek u l-għasafar. Pero ma' dan il-mansab ma kien hemm ħadd. Lanqas ma kien hemm ħadd fid-dura minn fejn kien qed jitħaddem il-mansab. Maġenb id-dura kien hemm vettura Mitsubishi pick up bin-numru tar-reġistrazzjoni JAF 513 kif wkoll kamra żgħira li kienet miftuħa. Ġod-dura instab mobile phone tal-għamla Panasonic. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija dak il-ħin, il-mansab ma kienx jidher li kien reġistrat. Il-Pulizija elevaw b'kollox tlieta u tletin (33) għasfur u casette. Għalkemm fuq il-post il-Pulizija ma kienu innutaw lil ħadd, minn investigazzjonijiet li huma għamlu irriżulta li kemm il-mobile phone kif wkoll il-pick-up kienu jappartjenu lil ċertu Publius Vella bil-karta tal-identita numru 22354(G).

Vella ġie imsejjaħ l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn wara li ikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, huwa stqarr mal-Pulizija li l-mobile kien tilfu fl-akkwati fejn instab mill-Pulizija. Dan peress li huwa għandu raba' fl-inħawi. Mistoqsi rigward il-vettura JAF 513, huwa reġa' irrifera għall-fatt li għandu raba' fl-inħawi. Għar-rigward il-mansab u l-għasafar l-akkużat stqarr li huwa ma kienx nassab u li ma kellux liċenzja sabiex jonsob.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti jirriżulta biċ-ċar li għalkemm il-Pulizija ma sabux lill-akkużat fuq il-post x'ħin marru jagħmlu l-ispezzjoni, m'hemmx dubju li dakinhar tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2023 l-akkużat kien fl-akkwati ta' fejn instab il-mansab armat u l-għasafar.  Infatti l-Pulizija sabu l-mobile tal-akkużat fid-dura tal-mansab li kien armat kif wkoll il-vettura tiegħu ipparkjata ftit metri mill-istess dura.  Dan kollu jikkonfermah l-istess akkużat kemm fl-istqarrija tiegħu u anke fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti.  Apparti l-konferma li inġabet mill-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta li l-vettura li instabet fuq il-post tgħajjat lill-akkużat,[5] l-akkużat inniffsu ikkonferma li l-vettura hija tiegħu.  L-akkużat ikkonferma wkoll li l-mobile li kien instab fuq il-post kien tiegħu.

B'riferenza għall-fatt li l-vettura tiegħu kienet fuq il-post, l-akkużat jinsisti li huwa għandu ammont sostanzjali ta' raba' fl-inħawi.  Rigward il-mobile huwa jistqarr li huwa kien tilef l-istess mobile dakinhar meta kien qiegħed fir-raba' tiegħu.  Mill-*bodycam footage* esebit, din il-Qorti setgħet tinnota li l-mobile instab fid-dura li minnha kien qed isir l-insib.  **<u>Jidher li huwa poġġut fuq pellet tal-injam u hemm wkoll flixkun ilma qribu.  Mobile li jkun intilef ma jkunx imqiegħed pulit fuq pellet tal-injam.</u>**  Li kieku kien verament intilef, il-probabilita kien li l-mobile jinstab fl-art f'xi parti tal-għalqa, f'xi kamra jew fejn il-vettura u mhux poġġut fuq pellet.

[5] Ara Affidavit ta' Saviour Farrugia a fol. 47 tal-proċess.

Anke li kieku għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jattribwixxi veraċita lid-dikjarazzjoni tal-akkużat li dakinhar huwa kien tilef il-mobile, il-ġustifikazzjoni li huwa jagħti għalfejn il-mobile kien spiċċa fid-dura assolutament ma tinkwadrax u ma tagħmel l-ebda sens. Fix-xhieda tiegħu l-akkużat jistqarr li xi ħadd sab il-mobile tiegħu u dan poġġieh fid-dura. L-akkużat pero jistqarr li ma jafx min għamel hekk u li hu m'għandu l-ebda konnessjoni ma' dak il-mansab. Ma kien jagħmel l-ebda sens li xi ħadd isib il-mobile tal-akkużat u jpoġġieh f'post li l-akkużat ma kellu l-ebda rabta miegħu. Il-fatt li dan il-mobile intefa' fid-dura sinjal li jekk tabilħaqq dan instab minn xi ħadd, dak ix-xi ħadd kien konxju li l-akkużat kellu konnessjoni ma' dik id-dura għaliex altrimenti ma kien jagħmel l-ebda sens li jħallieh hemm. Infatti meta din il-Qorti irrimarkat is-segwenti: *"Jiena ħaġa ma nistax nifhem. Jekk inti m'għandekx x'taqsam ma' din il-mansab, u huwa ta' ħaddieħor, il-mobile għaliex tefgħuh fid-dura ?"*, l-akkużat iwieġeb *"Jiena naf! Jiena naf! Min jaf min ġabru x'fettillu jagħmel bih! Ma nafx."*[6] Ta' min jissenjala wkoll li meta l-akkużat ta l-istqarrija oriġinali tiegħu lill-Pulizija, huwa ma kien semma' assolutament xejn dwar kif il-mobile tiegħu kien spiċċa f'din id-dura.

Din il-Qorti għalhekk issibha diffiċli biex temmen li dan il-mobile verament kien intilef u instab minn xi ħadd li imbagħad tefgħu fid-dura. Il-Qorti hija konvinta – tenut kont il-provi li inġabu – li l-akkużat kien jinsab fid-dura jonsob, sema' jew ra lill-uffiċjali tal-Pulizija ġejjin, staħba biex ma jinqabadx u fil-fixla nesa l-mobile warajh fl-istess dura.

[6] Fol. 55 tal-proċess.

Din il-konvinzjoni tal-Qorti tkompli ssib sostenn fil-fatt li minkejja li l-akkużat ikun ta' kuljum fl-inħawi huwa ma kienx f'posizzjoni li tal-anqas jindika min hu sid il-mansab jew inkella min jagħmel użu mill-mansab, **<u>aktar u aktar meta kif jgħid huwa stess dan il-mansab qiegħed maġenb ir-raba' tiegħu</u>**. Jagħmel riferenza għal wieħed Malti mingħajr ma jagħti l-ebda dettalji ta' dan il-Malti. Li kieku l-akkużat jmur fl-inħawi darba kultant, il-Qorti forsi kienet tasal biex temmen din id-dikjarazzjoni tal-akkużat li ma jafx min hu sidu jew min jagħmel użu minnu. Iżda żgur li mhux konvinta bil-veraċita ta' din id-dikjarazzjoni meta l-akkużat inniffsu jistqarr li huwa ta' kuljum ikun fl-inħawi biex iqatta' l-ħin. Il-fatt li mal-kamra viċin il-mansab u l-kamra fejn kienet parkeġġjata l-vettura tal-akkużat jidhru wkoll bozoz huma indikazzjoni kif l-akkużat jiffrekwenta l-inħawi fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata u mhux biss fid-dawl tax-xemx. Għalhekk assolutament ma titwemminx id-dikjarazzjoni tal-akkużat li ma jafx ta' min hu l-mansab jew inkella min jagħmel użu minnu. Dan biex ma jingħadx wkoll li fl-istqarrija oriġinali tiegħu lill-Pulizija lil dan il-Malti li suppost kien qed jonsob minn dan il-mansab, l-akkużat ma semmiehx. Fl-istess stqarrija l-akkużat lanqas ma ta xi spjegazzjoni għalfejn il-mobile tiegħu kien instab f'din id-dura.

Apparti minn hekk, li kieku verament fid-dura ma kienx hemm l-akkużat iżda kien hemm ħaddieħor, din il-Qorti tqis li l-akkużat kien mill-ewwel jindika min seta' kien hemm fid-dura biex jipprova jelimina d-dell li intefa' fuqu bil-fatt li l-mobile tiegħu kien instab fid-dura. Dan l-akkużat

m'għamlux propju għaliex ma kien hemm ħadd ieħor fid-dura ħlief hu stess. Ta' min jgħid wkoll li l-Pulizija fl-ebda ħin ma indikaw li fil-ħin li għamlu l-ispezzjoni kien hemm xi vetturi oħra parkeġġjati fl-akkwati. Il-Qorti setgħet tinnota mill-filmati kif l-akkwati huma fl-imwarrab sew u biex wieħed jasal għalihom bil-fors irid imur bil-vettura. Jekk allura ma kien hemm l-ebda vetturi oħra ħlief dik tal-akkużat, sinjal li l-akkużat biss kien hemm fuq il-post dak fil-ħin li waslu l-Pulizija.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta li l-provi ċirkustanzjali li ġew prodotti kollha jippuntaw lejn konklużjoni waħda: li l-akkużat dakinhar kien fis-sit u li huwa kien qed jonsob mill-mansab u d-dura li l-Pulizija sabu armati.

B'riferenza għall-akkużi dawn jirriżultaw mill-provi prodotti, senjatament mill-affidavit ta' PS 664 Jason Xerri u mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-*Wild Bird Regulations Uni*t John Paul Portelli.

Rigward l-ewwel akkuża jingħad li l-akkużat ma kellux liċenzja sabiex jonsob. Dan ħareġ kemm mix-xhieda ta' Portelli kif wkoll ikkonfermaha l-akkużat inniffsu.

Rigward it-tieni u t-tielet akkuża jingħad li l-maġġior parti tal-għasafar ma kellhomx ċrieket. Fit-termini tar-regolamenti applikabbli, din hija indikazzjoni ċara li l-provenjenza tal-istess għasafar ma kinitx waħda legali. Dawk li kellhom ċrieket, kellhom ċrieket li kienu foloz u li ma kinux

ġew provduti mid-Dipartiment. Għalhekk lanqas dawn l-għasafar ma kienu in regola.

Rigward ir-raba' akkuża, il-mansab ma kienx reġistrat. Il-Pulizija x'ħin marru fuq il-post fejn sabu l-għasafar kienu ħadu l-coordinates tas-sit u r-rappreżentant tal-WBRU ikkonferma kif dan il-mansab partikolari identifikat bil-coordinates li ħadu l-Pulizija ma kienx reġistrat fis-sistema tad-Dipartiment.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-erba' akkużi. Konsegwentement il-Qorti sejra tgħaddi sabiex issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tieħu in kunsiderazzjoni n-numru ta' għasafar li instabu kif wkoll il-fatt li minkejja li l-istaġun kien miftuħ, l-akkużat ma kien bl-ebda mod ikkonforma ruħu mar-regolamenti biex ikun jista' jonsob.

- **Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll r-regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), 8(2), 27(1), 27(2)(a), 27(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u r-regolamenti 12(d), 12(k), 13(3) u 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 qiegħda issib lill-akkużat **ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu** u qiegħda

tikkundannah għall-ħlas ta’ **<u>multa komplessiva ta’ elf u ħames mitt ewro (€ 1,500).</u>**

Finalment il-Qorti qiegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja jew permess taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u dan għall-perijodu ta’ sentejn mil-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur